Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 129/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ahmed Mohammed Hassan**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ahmed Mohammed Hassan talli f'dawn il-Gzejjer mill-4 ta' April tas-sena 2003 "sal-lum-il gurnata u kull xahar minn dik id-data" naqas milli jissomministra lil martu Gillian Jane Hassan Ali il-manteniment lilu ordnat li jhallas mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ghaliha (cioe` ghall-imsemmija Gillian Jane Hassan Ali) u ghal uliedhom minuri fit-terminu moghti mil-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Ahmed Mohammed Hassan hati skond l-

imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu hmistax-il gurnata detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Ahmed Mohammed Hassan, minnu ppresentat fl-1 ta' Lulju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2003; semghet ukoll fl-imsemmija udjenza lil Gillian Jane Hassan Ali minghajr gurament; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2003 l-unika xhud tal-prosekuzzjoni, cioe` mart l-appellant, talbet biex ma tixhedx kontra zewgha ghax ma xtaqitx tara lil missier uliedha jmur il-habs. Din il-Qorti, wara li accertat ruhha li din ix-xhud ma kienitx giet b'xi mod mhedda jew kostretta biex taghmel it-talba taghha biex ma tixhedx, u wara li rat l-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali, uzat id-dskrezzjoni taghha fis-sens li laqghet it-talba tax-xhud biex ma tixhedx kontra zewgha. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemmx provi kontra l-appellant, u l-appell sejjer jintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------